**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 591/97

Nathalie Attard

vs

Ic-Chairman, Korporazzjoni Telemalta ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess korporazzjoni Telemalta u b' digriet tad-19 ta' Mejju 1999 ic-Chairman Maltacom p.l.c. ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Maltacom p.l.c.

Illum 24 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew

ghall-habta ta' Gunju 1990 ir-rikorrenti sofriet ingustizzja f'li ma nghatatx promozzjoni li kienet tikkwalifika ghaliha u dan b'mod l-aktar ingust.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kienet giet impjegata mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1 ta' Mejju 1987 bhala Clerk 1.

Illi f'Lulju 1989 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' Executive Officer. Ir-rikorrenti applikat u ghamlet interview. Ir-rizultati ta' dawn l-interviews hargu fit-12 ta' Gunju 1990 u hawn ir-rikorrenti sabet li ma kienetx inghatat din il-promozzjoni u dana b'mod aktar ingust.

Illi dan gara, ghalkemm ir-rikorrenti dejjem ghamlet xogholha bl-akbar responsabilita' u dejjem obdiet l-ordnijiet li nghatawlha.
Illi jirrizulta car li r-rikorrenti kienet giet maqbuza u li fil-fatt il-promozzjoni nghatat lil nies li kienu dahlu jahdmu mal-Korporazzjoni Telemalta fl-istess zmien maghha u kienu jaghmlu l-istess xoghol bhalha u dan ghalkemm kien hemm min kellu kwalifiki anqas mir-rikorrenti.

Illi ironikament, ta' min isemmi li persuna ohra li dahlet fl-istess zmien maghha u li ma kienetx intghazlet biex tkun Data Inputter ghaliex ma kellhiex typing, kienet hadet din il-promozzjoni ta' Executive Officer u lahqet anke segretarja, meta f'din il-posizzjoni huwa ovvju li wiehed jinhtieglu li jittajpja l-hin kollu.

Illi kien hemm diversi persuni ohra li kienu nghataw din il-promozzjoni u li ma kellhomx kwalifiki u esperjenza daqs ir-rikorrent.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti temmen li giet imcahhda minn din il-promozzjoni ghall-ebda raguni valida u b'mod l-aktar ingust u li minhabba f'hekk batiet danni finanzjarji, ghax ghalkemm illum lahqet dak il-grad il-possibilitajiet li hi tavvanza fil-karriera taghha gew mizmuma lura ingustament u b'mod l-aktar diskriminatorju u abbuziv.

Illi r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku anness, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib bi prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi i) jigi ddikjarat illi r-rikorrenti sofriet ingustizzja meta hija b'mod l-aktar ingust giet imcahhda mill-promozzjoni dovuta lilha ii) jigi ordnat illi hija tinghata l-promozzjoni lilha misthoqqa bid-data b'lura sa' mill-1987, bhal ma nghata haddiehor, bil-beneficcji kollha b'lura li tali promozzjoni kienet iggorr maghha u minghajr beneficcji kollha b'lura li tali promozzjoni kienet iggorr maghha u minghajr ma tigi mtellfa kwalunkwe dritt spettanti lilha fir-rigward

ta' promozzjonijiet u beneficcji ohra u iii) jigi ordnat li tinghata kumpens ta' Lm5000 ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditha minn promozzjoni li kien haqqha.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' executive Officer kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrenti kienet applikat pero' m'ghaddietx billi gabet biss 35 marka minn 100. Ta' min isemmi wkoll li n-numru ta' vakanzi kien limitat tant li anqas gew promossi dawk kollha li ghaddew.

3. Illi l-marki li gabet ir-rikorrenti kienu mqassmin hekk: 4 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 8 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 11 minn 25 marka tal-kwalifiki; 6 minn 20 marka ghal personalita'/present section; 3 minn 10 marki ghal Other sections; u 3 minn 10 marki ghal General knowledge.

4. Illi r-rikorrenti trid tissostanzja l-allegazzjoni taghha li kien hemm haddiehor li minkejja li kien kwalifikat inqas minnha inghata vantagg mhux misthoqqa fuqha. Il-korporazzjoni tirrizerva li

twiegeb ghal din l-allegazzjoni u tressaq xhieda dwarha meta r-rikorrenti taghti dettalji ahjar.

5. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' ir-rikorrenti ma jistghux jintlaqghu ghaliex hija ma ghadhiex impjegata mal-korporazzjoni intimat.

6. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn sostnit l-ingustizzja li ghamlet maghha l-Maltacom p.l.c. fl-ghoti ta' promozzjonijiet ghal grad ta' **Executive Officer** tas-sena 1989/1990, u li kienu b'effett mill-5 ta' Gunju 1987. Dahlet tahdem mal-Korporazzjoni Telemalta u giet appuntata Clerk I fl-1987 u intbaghtet tahdem il-computer Centre fis-Swatar ghall-tlett snin shah. Kellha xoghol ta' Data Inputting biex is-sistema tal-licenzji tat-televizjoni ssir kompjuterizzata. Wara giet inqabbda xoghol iehor inkluz taghmel

depoziti mal-Bank liema xoghol normalment isir minn Clerk III [Administrative Assistant].

Sostnit li kien hemm konfuzjoni shiha fl-ghoti ta' dawn il-promozzjonijiet, li qalu sahansitra r-rapport li sar mill-"Kummissjoni ta' l-Appelli" mahtura mic-Chairman tal-Korporazzjoni stess biex tinvestiga l-appelli li saru dwar il-promozzjonijiet. Esibit kopja ta' dan ir-rapport. Il-Kummissjoni ta' l-Appelli taghmilha cara illi l-Bord ta' l-Ghazla in kwistjoni mexa b'inkonsistenza w ingustizzja kbira fl-ghoti ta' marki. Kien hemm kazi fejn impjegat b'certu ammont ta' kwalifiki akkademici ma giex moghti marki kif misthoqq u dan ghalkemm li din suppost hi xi haga oggettiva. F'paragrafu 7 - **"Nevertheless the Commission has come across a number of instances where the holders of job related qualifications do not seem to have been awarded the points they deserved"** u wkoll paragrafu 12 sezzjoni C "**On the basis of the cumulative effect of the evidence heard, the Commission is <u>convinced</u> that a number of candidates were undermarked with regard to job-related qualifications, including academic qualifications."**

Sostnit li kienet kwalifikata aktar minn hafna ohrajn li saru. Semmiet li kien hemm hames kandidati li hadu l-promozzjoni u li kellhom anqas kwalifiki akkademici; sahansitra hemm zewg kazi minnhom ta' Raymond Farrugia u John Stanicic li m'ghandhom assolutament <u>l-ebda</u> kwalifiki akkademici.

| **ISEM** | **KWALIFIKI** | **INDEX NO.** |
|---|---|---|
| Raymond | Xejn | 6347 |

| | | |
|---|---|---|
| Farrugia | | |
| John Stancic | xejn | 386 |
| Simone Borg | 2 “O” Levels | 6423 |
| Charles Gauci | 5 “O” Levels | 6373 |
| Karen Vella | 5 “O” Levels | 6379 |

Illi anomaliji ohrajn saru fl-ghoti tal-punteggi fuq kwalifiki akkademici u haga li suppost hi l-aktar oggettiva.  Hekk per ezempju:

a) Romina Romano b’sitt “O” Levels inghatat 20 punt
b) Audrey Zahra b’sitt “O” Levels inghatat 18 il-punt.

filwaqt li r-rikorrent b’sitt “O” Levels ukoll inghatajt biss 11 il-punt, haga assolutament bla spjegazzjoni.

Ziedet li Simone Borg [Index 6423] li gabet biss 3 punti fuq kwalifiki ghal zewg “O” levels biss hadet il-promozzjoni b’punteggi stranament gholjin fuq “**experience, personality, other sections u general knowledge”** u din wahda fost l-ohrajn.

Semmiet ukoll l-kaz ta’ Raymond Farrugia li nghata l-promozzjoni minghajr m’ghandu <u>ebda</u> kwalifiki akkademici u fil-fatt ma nghata <u>ebda</u> punti fuq kwalifiki; izda sorprendentament inghata punti straordinarji fuq **experience** fejn inghata 18 il-marka minn 25, **personality** inghata 18 il-marka minn 20; **other sections** inghata 8 marki minn 10 u dan meta kemm kien ilu t-Telemalta dejjem kien fl-istess sezzjoni jigifieri **salaries & wages**, u ghal **General Knowledge** inghata 8 marki minn 10.

Semmiet li bl-istess snin ta' servizz hi inghatat 8 marki waqt li wiehed ha 18, 2 hadu 14 il-marka, 1 ha 13, 8 hadu 12 il-marka, 4 hadu 10 marki.

Semmiet ukoll li l-kriterji li mxew bihom il-bord ta' l-Ghazla huma sfaccatament ksur tal-ftehim kollettiv. Dan ghaliex l-istess ftehim kollettiv jistipula hu l-kriterji fuq kif ghandhom jinghataw il-punteggi [ara dokument Numru 6] u l-artiklu 15 tal-ftehim kollettiv jghid: **In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies".**

**KONKLUZZJONI:**

**Konsiderazzjonijiet generali:**

Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of

vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu personality, other sections u general knowledge, waqt li thallew barra **merit** u **aptitude.** L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board hallu tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghatw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;
Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-

rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet.  Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz.

**Kunsiderazzjonijiet specjali:**

B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrenti ghandhom jigu revizi b'dan il-mod:

Dwar ***years of service*** ir-rikorrenti trid tinghata 8;

Dwar ***experience*** ir-rikorrenti inghatat 8 meta l-marki li inghataw ghal nies ta' 4 snin servizz kienu bejn 6 sa 18;  it-Tribunal ihoss li kienet tkun marka aktar ekwa 12;  bil-formula hawn fuq imsemmia din ssir 7;

Dwar ***kwalifiki*** rrizulta li bl-istess kwalifiki (6 'O' Levels) Romina Romano nghatat 20 u ghalhekk il-marka tar-rikorrenti trid tigi mibdula ghal 20;  izda bil-formola ta' hawn fuq din trid taqra 32;

Dwar ***personality*** ir-rikorrenti nghatat 6; it-Tribunal ihoss li kellha tinghata 11 u ghalhekk bil-formola fuq imsemmija ssir 8;

Dwar ***Other Sections*** ir-rikorrenti nghatat 3 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 1.5;

Dwar ***General Knowledge*** ir-rikorrenti nghatat 3 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 1.5;

Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrenti ghal 58.

Ghalhekk meta wiehed ihares lejn pagna 42 u ghal dak li xehed illum David Buttigieg dwar il-cut off line tal-promozzjonijiet ma hemmx ghalfejn li t-Tribunal jidhol fl-ezami ta' dan l-aspett ghax irrizulta li r-rikorrenti kien haqqha l-promozzjoni.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata. Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrenti tinghata rimedju kompensattiv billi tinghata l-kariga ta' Executive Officer b'effett mill-5 ta' Gunju, 1987 u titpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm hadet il-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li tithallas d-differenza fil-paga li sofriet basta dan ma jaqbisx is-somma ta' Lm5000.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.